MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 45/2010

**Bank of Valletta p.l.c. – C 2833**

**vs**

**John Gerald Dilley**
**I.D. 130904(L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elfejn seba' mija u hamsa u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€2,735.93), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici bhala bilanc ghad-debitu fil-***Loan Account*** tal-konvenut mas-socjeta' attrici skond rendikont immarkat bhala Dok. A, flimkien mall-imghax ulterjuri mill-4 ta' Jannar 2010, sall-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 2009 (Dok. B).

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Illi s-socjeta' attrici pprezentat ukoll affidavit skond il-Ligi, u li gie mmarkat bhala Dok. C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elfejn seba' mija hamsa u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€2,735.93), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------